# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Mejju 2000

**Numru 68**

**Citaz. numru 28/82 DS**

Silvio Mifsud u Adrian Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` S. Mifsud & Sons Ltd. u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera Mutuamar Societa` di Assicurazioni e Riassicurazioni per Azioni kif surrogati fid-drittijiet ta' assikurat taghhom Gordhan in forza tal-ligi u tal-polza ta' assikurazzjoni nru. 7701/1180
vs
Godwin Abela u Carmelo Zarb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd., u Marin Hili u Joseph Hili ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd. u dina in rapprezentanza tac-charterers tal-vapur MYRTO u in rapprezentanza ta' l-istess

Illum, 5 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Jannar 1982 li permezz taghha l-atturi nomine wara l- ppremettew illi:

L-assikurat ta' l-attur nomine Gordham impurtat konsenja ta' plastic shields f'Malta fuq il-vapur M/V MYRTO fl-20 ta' Jannar 1981 - skond il-Polza tal-Karigu Dok.A.

U peress illi kif jidher mis-survey report numru 247/1981 uhud minn din il-konsenja waslet f'Malta danniggjata u/jew b'xi nuqqasijiet.

U peress illi l-assikurat/importatur Gordham in forza tal-polza ta' Assikurazzjoni numru 7701/1180 giet kompensata tad-danni minnha sofferti fl-ammont ta' Lm259.68,0 (mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu) u di piu' issurrogat lid-ditta attrici fid-drittijiet taghha Dok B. - li nefqet l-ammont ta' Lm16 (sittax il-lira Maltin) spejjez ta' survey u Customs Certificate b'kollox ghalhekk ghandha tigbor l-ammont ta' Lm275.68,0 (mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu).

U peress illi dawn id-danni li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine gew kawzati mill-konvenuti nomine jew min minnhom, li ghalkemm interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli tad-danni kagunati lill-assikurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi.

3. tikkundannahom jhallsu lill-attur nomine dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat
Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenuti
nomine li mita' nn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra is-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd. huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress ill-is-socjeta' eccipjenti ma hijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u/jew danni allegati stante illi hija ikkonsenjat il-merkanzija "de quo" fl-ammont u fl-istat illi hija ircevitu.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Marin Hili et nomine fejn qalu:

1. Preliminarjament, illi l-Qrati ta' Malta ma ghandhomx gurisdizzjoni f'din il-kawza, u dan a terminu ta' l-Art. 743 tal-Kodici tal-Procedura.

2. Li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in kwantu huma mharrka in rappresentanza tal-vapur M/V Myrto huma mhumiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza, u ghandhom jigu liberati mill-osservanza, peress illi m'humiex l-agenti ta' l-armaturi tal-vapur, u r-rappresentanza tal-vapur tispetta lill-kaptan u lill-armatur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in kwantu imharrka bhala l-agenti tac-Charterers, jekk tirrizulta xi responsabbilita ghall-hsara waqt il-vjagg, dik tkun tal-armaturi tal-vapur, u mhux tac-Charterers, li sempliciment krew il-vapur ghall-vjagg.

4. Li f'kwelunkwe kaz (u dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti) jekk hemm xi hsara jew nuqqasijiet, dawn ma jidhirx li gew kagunati waqt il-vjagg.

5. Illi anke jekk jirrizulta li gew kagunati danni waqt il-vjagg (dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti) l-ammont mitlub mill-atturi irid ikun jikkorrispondi mad-danni realment sofferti mis-surrogat ta' l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Ottubru 1983 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Frar 1984 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Robert Staines;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-4 ta’ Frar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

B’verbal tat-18 ta’ Frar 1999 Dr. Henri Mizzi ghall-konvenuti Marin Hili et nomine rrinunzja ghall-eccezzjonijiet kollha hlief ghar-responsabbilta` ghall-merkanzija u l-hsara li jirrizulta li saritilha f’dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-eccezzjonijiet koncernati u tghaddi biex tikkunsidra l-kaz fil-mertu.

Nonostante li din hija kawza li bdiet fl-1982, l-uniku xhud prodott kien Peter Bonello li xehed ghas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. fit-3 ta’ Mejju 1999 u pprezenta *cargo receipt*, filwaqt li s-socjeta` attrici pproduciet diversi dokumenti. Minn ezami tad-dokumenti jirrizulta s-segwenti:

Fl-20 ta' Jannar 1981 is-socjeta` Gordhan importat f'Malta permezz tal-vapur MYRTO 36 *cartons* kontenenti *plastic shields*. Dawn tnizzlu minn fuq il-vapur f'idejn is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. izda mit-*tally sheet* Dok. M8 jirrizulta li kien hemm *"one carton damaged"*. Il-*cargo receipt* Dok. PB1 mill-banda l-ohra specifikat li kien hemm *"20 pieces short"*.

Is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat il-merkanzija lill-importatur permezz tal-burdnar tieghu. L-importatur allega li sab xi nuqqas u xi danni u ghalhekk ghamel *claim* ma' l-assikurazzjoni. Is-*surveyor* elenka n-nuqqasijiet u l-hsarat fir-rapport tieghu (Dok. M2 u M3). Minn hemm jirrizulta li n-nuqqasijiet telghu minn 20 ghal 267 u inoltre kien hemm 78 danneggjati; minn kartuna wahda danneggjata li nizlet minn fuq il-vapur spiccaw 10 bin-nuqqasijiet jew danneggjati. Ta' min ighid li s-*survey* sar meta l-merkanzija kienet diga` ghand l-importatur. Skond is-*survey report* gew konsenjati lill-importatur fit-22 ta' Jannar 1981, sar il-*claim* fit-23 ta' Jannar 1981 u s-*survey* sar fis-26 ta' Jannar 1981.

Filwaqt li dwar il-kartuna li tnizzlet danneggjata huwa responsabbli l-vapur u ghalhekk is-socjeta` konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd., dwar il-kumplament il-perit legali ghamel is-segwenti osservazzjonijiet fid-dawl ta' l-esperjenza tieghu f'hafna kawzi ta' din in-natura:

"(i) minn idejn il-Cargo Handling sal-burdnar, il-Cargo Handling jiddefednu ruhhom bil-*gate pass-out* li l-iskrivan inizzel x'hareg minn idejhom u l-burdnar is-soltu jiffirma. Il-*gate pass-out* f'din il-kawza ma gietx prodotta ghax giet distrutta fl-ilma. Il-problema hi li l-*gate pass-out* f'dawk iz-zminijiet ma kienx dokument serju. L-ewwel nett, sal-1987 il-burdnar qatt ma gie moghti kopja tal-*gate pass-out*. It-tieni haga, kull burdnar li gie mharrek biex jixhed f'din it-tip ta' kawza qal l-istess haga: li jekk ma ffirmax ma kienx ihalluh johrog mill-konfini tal-port; li jekk iqanqal xi kwistjoni kien jigi umbrat u ma kienx jaqbillu jiggieled maghhom; u t-tielet haga hmistax/ghoxrin sena ilu hafna min-nies tal-burdnara kienu qawwijin imma llitterati. Kienu jiffirmaw bla ma

jifhmu. Ghalhekk fl-1987 hareg regolament (cioe` struzzjoni mill-Ministeru tal-Port) li kopja tal-*gate pass-out* ghandha tigi moghtija lill-burdnar biex ighaddiha lill-importatur.

(ii) La darba n-nies tal-port ghenu ruhhom (helped themselves) ghal xi bicciet tal-merkanzija tista' tkun zgur li xi whud fuq it-trakk tal-burdnar ma kinux jirrezistu t-tentazzjoni li jaghmlu l-istess. 'Goods fell off the back of a lorry' ighidu l-Inglizi u Malta nissoponu jigri l-istess. Fil-fatt li ma kellhomx *gate pass-out* biex juru lill-importatur kellhom skuza wkoll.

(iii) Imbaghad hemm l-importatur stess. M'ghandux interess li jfarrak il-merkanzija – imma xi ftit jahbi? U jekk huwa kaz li kien importa l-istess merkanzija qabel, dejjem kien hemm suspett li jgib dak li kien imkisser darba ohra u jipprezentah lis-surveyor. Kulhadd li hadem fl-assikurazzjoni jafha l-istorja imma m'hemmx provi. Is-survey huwa ta' valur importanti biex jigi detrminat il-'quantum' tad-danni imma ma jghidilniex min hu responsabbli."

Ghalhekk il-perit legali kkonkluda li huwa kellu jibbaza ruhu fuq il-verosimilita` u fuq l-*"id quod plerumque accidit"*.

Is-somma totali pretiza mis-socjeta` attrici hija ta' Lm275.68. Billi ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tal-valur tal-bicciet neqsin minn fuq il-vapur, u cioe` jekk kinux tat-300 pesetas jew tal-85 pesetas, il-perit legali ha *average* bazat fuq responsabbilta` ghal 20 minn 343 *pieces*. B'hekk 20/343 x Lm275.68 = Lm16.07 (mhux Lm22.69 kif erronejament stqarr). Sussegwentement huwa apporzjona r-responsabbilta` ghall-bilanc bejn is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. kwantu ghal nofs u l-burdnar u l-importatur kwantu ghan-nofs l-iehor. Dan ifisser Lm129.80 kull porzjon.

F'din il-kawza l-provi kienu skarsi u ghalhekk il-Qorti ma tlumx lill-perit legali li wasal ghall-konkluzjonijiet riportati. Izda stante li hadd mill-partijiet ma dehrlu li ghandu jressaq aktar provi u inoltre hadd ma ghamel xi sottomissjonijiet dwar ir-rapport peritali, il-Qorti se takkolji tali rapport in kwantu giet apporzjonata r-responsabbilta` filwaqt li dwar il-likwidazzjoni ghandha ssir kif diga` osservat, u cioe` li s-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. twiegeb ghas-somma

ta’ Lm129.80 u s-socjeta` Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd. twiegeb ghas-somma ta’ Lm16.07.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghaghad-danni kagunati lill-assikurat ta’ l-atturi nomine fil-proporzjonijiet indikati,
(2) tillikwida d-danni dovuti mill-konvenuti nomine fis-somma komplessiva ta’ Lm145.87,
(3) tikkundanna lill-konvenuti Godwin Abela et nomine jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta’ Lm129.80, u
(4) tikkundanna lill-konvenuti Marin Hili et nomine jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta’ Lm16.07.

Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez li jithallsu zewg kwinti (2/5) mill-konvenuti Godwin Abela et nomine, kwint (1/5) mill-konvenuti Marin Hili et nomine u zewg kwinti (2/5) mill-atturi nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur